MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 234/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-13 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu bir-rit civili fit-18 ta’ Settembru 1998 kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness Dok A;

Illi minn dan iz-zwieg twieled fit-18 ta’ Novembru 1999 kif jidher mic-certifikat tat-twelid anness Dok B;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet jew id-dmirijiet essenzjali taghha a tenur tal-artikolu 19(1) (d) tal-istess Att dwar iz-zwieg;

Ukoll li il-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga a tenur tal-artikolu 19(1) (f) tal-istess Att dwar iz-zwieg;

Li ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fit-18 ta' Settembru 1998 huwa null u bla ebda effett bil-ligi.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti hu null u bla effett a tenur tal-Artikolu 19(1) (d) u/jew (f) tal-att tal-1975 dwar iz-zwieg Kap 255.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Il-konvenut minn issa ngunt biex jixhed ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici, u ta' sitt persuni ohra.

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta' Novembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Settembru, 1998 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1)(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut ma rrispondiex ghat-talba attrici u kwindi baqa' kontumaci, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan apparti l-fatt illi skond il-ligi taghna, il-kontumacja hija dejjem kontestazzjoni u mhux ammissjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1)(d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1)(f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher illi ghaliha z-zwieg kien esperjenza negattiva ghall-ahhar. Il-konvenut kellu erbgha u tletin sena u hi dsatax meta zzewgu u certament ma

kinitx matura bizzejjed biex tiehu decizjoni daqshekk importanti. Jidher ukoll li l-konvenut kellu problema tax-xorb u ghalkemm l-attrici kienet taf biha ma rrealizzatx, forsi minhabba l-inesperjenza taghha l-kobor tal-problema. Il-konvenut kellu ukoll il-problema li ma jafx jikkontrolla l-infieq tieghu. Dan jindika da parti tieghu nuqqas ta' hekk imsejjah *commitment* ghall-hajja mizzewga. L-unika hajja li kien jaf kienet dik tal-postijiet tax-xorb u divertiment simili. Dan jidher car mill-affidavits esebiti fil-kors tal-kawza. Il-Qorti ghalhekk jidrilha illi hemm bizzejjed provi li z-zwieg ghandu jigi annullat ai termini tas-sub-artikoli kollha citati.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-18 ta' Settembru, 1998. L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------